**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

P8_TA(2016)0102

# Is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni (2015/2095(INI))**

(2018/C 058/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-protokoll addizzjonali tagħha, u b'mod partikolari d-dritt ta' non-refoulement,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 Anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi tal-1979, kif emendata,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom tal-1990,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (2010-2014)" (COM(2010)0213) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati fl-UE ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar l-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa ([4]),

— wara li kkunsidra d-dibattiti li saru fi ħdan il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fl-2015: fl-14 ta' April fil-preżenza tal-Kummissarju Avramopoulos; fis-6 ta' Mejju dwar is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabilità, inklużi l-obbligi ta' tiftix u salvataġġ; fis-26 ta' Mejju dwar l-istrateġija dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi; fl-4 ta' Ġunju dwar l-iżvilupp ta' rotot sikuri u legali għal dawk li jfittxu l-asil u r-rifuġjati fl-UE u dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil; fil-25 ta' Ġunju dwar il-ġlieda kontra l-kuntrabandu kriminali, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol ta' migranti irregolari, l-iżvilupp ta' possibilitajiet ta' migrazzjoni ekonomika legali adegwati, u l-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi; fit-2 ta' Lulju dwar kif jintefqu l-fondi tal-Affarijiet

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2014)0070.
([2]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 165.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0176.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0317.

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

Interni fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-iżvilupp; fis-6 ta' Lulju, dwar l-ewwel pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni b'segwitu għall-Aġenda dwar il-Migrazzjoni u dwar is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabilità, inklużi l-obbligi ta' tiftix u salvataġġ u l-iżvilupp ta' rotot sikuri u legali għal dawk li jfittxu l-asil u r-rifuġjati lejn l-UE; fis-16 ta' Lulju fil-preżenza ta' esperti dwar il-fondi tal-UE għall-politiki dwar il-migrazzjoni, dwar politiki, prattiki u data dwar minorenni mhux akkumpanjati fl-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja, dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni, u dwar l-esplorazzjoni ta' possibilitajiet ġodda għal-leġiżlazzjoni għall-migrazzjoni ekonomika; fit-22 ta' Settembru dwar it-tieni pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni skont l-Aġenda dwar il-Migrazzjoni; fit-23 ta' Settembru mal-parlamenti nazzjonali dwar l-approċċ ta' hotspots u dwar l-indirizzar tal-migrazzjoni fil-livell nazzjonali u lokali; fid-19 ta' Ottubru dwar l-indirizzar tal-kuntrabandu, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol ta' migranti irregolari; fl-10 ta' Novembru dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Ġestjoni tal-kriżi tar-rifuġjati: Sitwazzjoni Attwali tal-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet ta' Prijorità taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0510); fid-19 ta' Novembru dwar il-finanzjament intern u estern tal-UE għall-politika tal-migrazzjoni u tal-asil tagħha; fl-10 ta' Diċembru dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni; fil-21 ta' Diċembru dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika tal-viżi, dwar l-implimentazzjoni effikaċi tas-SEKA u dwar l-iżvilupp ta' possibilitajiet ta' migrazzjoni ekonomika legali adegwati,

— wara li kkunsidra d-dibattiti li saru fil-laqgħa konġunta tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu fl-1 ta' April 2015 dwar ir-rabta bejn l-iżvilupp u l-migrazzjoni, u fil-laqgħa konġunta tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2015 dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-flussi migratorji fil-Mediterran,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu dwar il-missjonijiet mid-delegazzjonijiet tiegħu f'Lampedusa dwar operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ f'Settembru 2015 u fit-Tuneżija dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni, l-asil u l-kontroll tal-fruntieri f'Ottubru 2015, u wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu dwar il-missjoni tad-delegazzjoni konġunta tagħhom fi Sqallija dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-pressjonijiet migratorji fir-reġjun, inkluż b'mod partikolari minn perspettiva baġitarja f'Lulju 2015,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni ta' Għaxar Punti tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni, ippreżentat fil-Kunsill Konġunt Affarijiet Barranin/Affarijiet Interni li ltaqa' fil-Lussemburgu fl-20 ta' April 2015,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0240) ,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran Ċentrali tan-Nofsinhar,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni sabiex tibda t-tieni fażi tal-Operazzjoni EUNAVFOR MED, li ngħatat l-isem ġdid "Operation Sophia", meħuda mill-Ambaxxaturi tal-UE fi ħdan il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ([1]), u wara li kkunsidra l-operazzjonijiet immexxija min-NATO fil-Baħar Eġew,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2240 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tad-9 ta' Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015-2020)" (COM(2015)0285),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligu li jittieħdu marki tas-swaba' (SWD(2015)0150),

([1]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/09/28-eunavfor/.

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Iskema Ewropea ta' Risistemazzjoni (C(2015)3560) u l-Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar risistemazzjoni permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali ta' 20 000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-20 ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra nota ta' spjega tal-Kummissjoni dwar l-approċċ "Hotspot", u r-rapporti dwar is-sitwazzjoni attwali fil-Greċja u l-Italja tal-10 ta' Frar 2016, kif ukoll ir-rapport ta' Progress dwar il-Greċja tal-4 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (COM(2015)0450),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE (COM(2015)0452),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn' (COM(2015)0453),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri waqt li jwettqu kompiti relatati mar-ritorn (C(2015)6250) u l-Anness tagħha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli dwar l-Akkwist Pubbliku b'rabta mal-kriżi attwali tal-asil (COM(2015)0454),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli intitolata "L-indirizzar tal-Kriżi tar-Rifuġjati fl-Ewropa: Ir-Rwol tal-Azzjoni Esterna tal-UE" (JOIN(2015)0040),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabilità u li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-persuni spostati fl-Afrika (C(2015)7293),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Ġestjoni tal-Kriżi tar-Rifuġjati: miżuri operazzjonali, baġitarji u legali skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0490) u l-Annessi tagħha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Ġestjoni tal-Kriżi tar-Rifuġjati: Sitwazzjoni Attwali tal-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet ta' Prijorità taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0510) u l-Annessi tagħha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Ewropa" (COM(2015)0673) u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (COM(2015)0671), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (COM(2015)0668), il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 dwar it-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti (COM(2015)0670), il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Iżvezja f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill

(UE) 2015/1523 u mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (COM(2015)0677), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal skema volontarja ta' ammissjoni umanitarja mat-Turkija (C(2015)9490),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni Attwali rigward l-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Prijoritarji fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2016)0085),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni indirizzata lir-Repubblika Ellenika dwar il-miżuri urġenti li jridu jittieħdu mill-Greċja fil-perspettiva tat-tkomplija tat-trasferimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (C(2016)0871),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti allokati lill-Awstrija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (COM(2016)0080),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Lura lejn Schengen – Pjan ta' Direzzjoni" (COM(2016)0120),

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li hu t-tieni rapport dwar il-progress min-naħa tat-Turkija fit-twettiq tar-rekwiżiti tal-pjan ta' direzzjoni tagħha għal-liberalizzazzjoni tal-viżi (COM(2016)0140) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0097) ,

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni (COM(2016)0115) u l-baġit emendatorju Nru 1/2016 li joħloq il-linja baġitarja għal dan l-istrument,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu tat-23 ta' April 2015, fil-laqgħa tiegħu tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar il-migrazzjoni tat-23 ta' Settembru 2015, fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2015, u fil-laqgħa tiegħu tas-17 u t-18 ta' Diċembru 2015 u fil-laqgħa tiegħu tat-18 u d-19 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015, dwar il-migrazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Lulju 2015, dwar il-futur tal-politika tar-ritorn fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015, dwar il-migrazzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2015, dwar miżuri biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-rifuġjati u l-migrazzjoni fil-laqgħa tiegħu fid-9 ta' Novembru 2015, u dwar l-apolidija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2015, u dwar il-kuntrabandu tal-migranti fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza adottati fl-14 ta' Settembru 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali ta' 20 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali fil-laqgħa tagħhom tal-20 ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u t-Turkija tal-15 ta' Ottubru 2015, u r-rapporti ta' implimentazzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar u l-4 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tas-7 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-Rotta tal-Mediterran tal-Lvant/Balkani tal-Punent, adottata fit-8 ta' Ottubru 2015, u l-istqarrija tal-mexxejja dwar il-flussi ta' rifuġjati tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent adottata fil-laqgħa tal-25 ta' Ottubru 2015 u r-rapport ta' progress tagħha tal-10 ta' Frar 2016,

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni u d-Dikjarazzjoni Politika adottati matul is-summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni, li sar fil-Belt Valletta fil-11 u t-12 ta' Novembru 2015,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), b'mod partikolari r-Rapport Annwali tiegħu dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea 2014 u x-Xejriet tal-Asil ta' kull xahar,

— wara li kkunsidra l-ħidma u rapporti tal-Frontex, u b'mod partikolari l-Analiżi Annwali tar-Riskji 2015 tagħha u r-Rapporti ta' kull tliet xhur tan-Netwerk tal-Analiżi tar-Riskji tagħha,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Europol, u b'mod partikolari t-Tim Operattiv Konġunt MARE, u l-istabbiliment reċenti taċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (European Migrant Smuggling Centre – EMSC) mill-Europol,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Eurojust, u b'mod partikolari r-rapporti tagħha dwar it-traffikar tal-bnedmin,

— wara li kkunsidra x-xogħol, ir-rapporti annwali u l-istudji tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), u b'mod partikolari l-istudji tagħha dwar forom severi ta' sfruttament tal-ħaddiema u dwar il-kriminalizzazzjoni ta' migranti f'sitwazzjoni irregolari u ta' persuni li jinvolvu rwieħhom magħhom,

— wara li kkunsidra l-istudji tad-Dipartiment Tematiku C dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80 tat-TFUE, dwar approċċi ġodda, toroq alternattivi u mezzi ta' aċċess għal proċeduri tal-asil għal persuni li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali, dwar l-esplorazzjoni ta' possibilitajiet ġodda għal leġiżlazzjoni dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn l-UE, dwar it-titjib tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u Alternattivi għal Dublin, dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u dwar l-Akkoljenza ta' Rifuġjati Nisa u Nisa li Jfittxu Asil fl-UE, u wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku D dwar il-fondi tal-UE għall-Politiki tal-Migrazzjoni: Analiżi tal-Effiċjenza u l-aħjar prattika għall-futur, u l-istudju tad-Dipartiment Tematiku EXPO dwar il-Migranti fil-Mediterran: protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-istudji min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), u b'mod partikolari l-istudju tiegħu dwar il-politiki, il-prattiki u d-data dwar il-minorenni mhux akkumpanjati,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-NU,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Migranti,

— wara li kkunsidra l-ħidma, r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni,

— wara li kkunsidra l-ħidma u r-rapporti tal-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, adottata fil-115-il sessjoni plenarja tiegħu tat-3 u l-4 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni u dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra l-kuntrabandu tal-migranti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni [1],

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma dwar l-Artikolu 80 –Solidarjetà u tqassim ġust tar-responsabilità, inkluż l-obbligi ta' tiftix u salvataġġ,

[1] Testi adottati, P8_TA(2014)0105.

**It-Tlieta 12 ta’ April 2016**

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma dwar il-ġlieda kontra l-kuntrabandu kriminali, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol ta’ migranti irregolari,

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika tal-viżi, inklużi r-rwoli tal-Frontex u ta’ aġenziji relevanti oħra,

— wara li kkunsidra l-iżvilupp ta’ rotot sikuri u legali lejn l-UE għall-persuni li jfittxu asil u għar-rifuġjati, inkluża l-politika ta’ risistemazzjoni tal-Unjoni u l-politiki ta’ integrazzjoni korrispondenti,

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma dwar l-iżvilupp ta’ possibilitajiet ta’ migrazzjoni ekonomika legali adegwati,

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma dwar il-finanzjament intern u estern tal-UE għall-politika tal-migrazzjoni u tal-asil tagħha,

— wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma dwar l-implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), inkluż ir-rwol tal-EASO,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0066/2016),

A. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta’ Diċembru 2014, il-Parlament ta istruzzjonijiet lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex jivvaluta d-diversi politiki involuti, jiżviluppa ġabra ta’ rakkomandazzjonijiet u jirrapporta lill-Plenarja fil-forma ta’ rapport ta’ inizjattiva strateġika;

B. billi skont data tal-Frontex ([1]), fl-2015 1,83 miljun persuna ġew skoperti waqt li kienu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE b’mod irregolari, u b’hekk stabbilixxew rekord mingħajr preċedent meta mqabbel mal- 282 500 migrant li waslu fl-Unjoni matul is-sena 2014; u billi, skont data tal-IOM/UNICEF, madwar 20 % tal-migranti kollha li jaslu bil-baħar huma tfal ([2]);

C. billi skont data tal-EASO ([3]), fl-2015, saru aktar minn 1,4 miljun applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE ([4]), u l-għadd ta’ applikazzjonijiet żdied b’mod kostanti minn April, filwaqt li l-ammont ta’ applikazzjonijiet ripetuti fl-istess ħin kien qed jonqos; u billi madwar 6 % tal-applikanti jiddikjaraw li huma minorenni mhux akkumpanjati; billi fi Frar 2016, 22 % ta’ dawk li waslu bil-baħar fil-Greċja kienu nisa, waqt li 40 % kienu tfal ([5]);

D. billi għall-finijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, tifel/tifla tfisser kull persuna taħt l-età ta’ tmintax-il sena;

---

([1]) Aħbarijiet tal-Frontex, http://frontex.europa.eu/news/number-of-migrants-arriving-in-greece-dropped-by-half-in-november-cITv3V.
([2]) IOM and UNICEF, Data Brief: Migration of Children to Europe, http://www.iom.int/sites/default/files/press_release/file/IOM-UNICEF-Data-Brief-Refugee-and-Migrant-Crisis-in-Europe-30.11.15.pdf.
([3]) il-Bullettin tal-EASO, Novembru-Diċembru 2015, https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-Newsletter-NOV-DEC_-20151.pdf.
([4]) L-UE + hija magħmula mit-28 Stat Membru flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera.
([5]) UNHCR – Greece data snapshot – 7 ta’ Marzu 2016.

E. billi fl-2015, 'il fuq minn 3 771 persuna ġew irrapportati mejta jew nieqsa fil-Baħar Mediterran, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni ([1]); u billi fit-8 ta' Marzu 2016, 444 persuna ġew irrappurtati li għerqu fil-Mediterran; billi fl-ewwel disa' ġimgħat tal-2016 mietu 77 tifel u tifla, jiġifieri medja ta' aktar minn wieħed jew waħda kuljum; billi skont data reċenti tal-Europol mill-anqas 10 000 tifel u tifla mhux akkumpanjati għebu wara li waslu fl-Ewropa;

F. billi t-3 ta' Ottubru għandu jiġi rikonoxxut bħala Jum ta' Tifkira għal dawk l-irġiel, nisa u tfal kollha li jitilfu ħajjithom f'tentattiv biex jaħarbu minn pajjiżhom bħala riżultat ta' persekuzzjoni, kunflitt u gwerra, kif ukoll dawk in-nisa u l-irġiel kollha li jissograw ħajjithom kuljum biex isalvawhom;

G. billi xi partijiet tad-dinja huma milquta mill-gwerra u mill-vjolenza u jġarrbu t-taħlita tal-effetti ta' faqar estrem, degradazzjoni ambjentali u nuqqas ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ, li tista' tkebbes aktar vjolenza u nuqqas ta' sigurtà u twassal għal aktar ċaqliq tal-popolazzjoni;

***L-Artikolu 80 tat-TFUE – Is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabilità, inklużi l-obbligi ta' tiftix u salvataġġ***

H. billi l-Artikolu 80 tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabilità fil-qalba tas-sistema tal-Unjoni kollha kemm hi, għaldaqstant jipprovdi bażi ġuridika għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-politiki tal-Unjoni dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri;

I. billi s-solidarjetà tista' tieħu l-forom ta' solidarjetà interna u esterna; u billi r-rilokazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar l-asil, il-miżuri ta' appoġġ operattiv, interpretazzjoni proattiva tar-Regolament ta' Dublin attwali u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja huma kollha għodod ta' solidarjetà interna, filwaqt li r-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u t-tiftix u s-salvataġġ fuq il-baħar jippromwovu s-solidarjetà esterna, u l-mekkaniżmu ta' protezzjoni ċivili jista' jolqot it-tnejn li huma;

J. billi, fit-3 ta' Marzu 2016, 338 biss mid- 39 600 persuna jfittxu asil li qed jistennew riassenjazzjoni minn faċilitajiet ta' akkoljenza Taljani għal Stati Membri oħra ġew rilokati, filwaqt li fil-każ tal-Greċja saru biss 322 mis- 66 400 rilokazzjoni proġettata;

***L-indirizzar tal-kuntrabandu kriminali, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol tal-migranti irregolari***

K. billi l-kuntrabandu u t-traffikar tal-migranti u l-isfruttament tal-ħaddiema migranti huma fenomeni ġuridiċi distinti u jiġu indirizzati b'oqfsa ġuridiċi distinti fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali, jeħtieġu reazzjonijiet immirati kif jixraq, waqt li fil-prattika sikwit huma sovraposti; u billi n-networks ta' kuntrabandu kriminali u t-traffikar jistgħu jibdlu l-modus operandi tagħhom malajr ħafna, u għaldaqstant jeħtieġu reazzjonijiet adatti rapidament abbażi tal-aktar data reċenti u preċiża; billi l-isforzi kontra l-kuntrabandu kriminali tal-migranti m'għandhomx jolqtu lill-persuni li jipprovdu għajnuna umanitarja lill-migranti irregolari;

L. billi l-ġlieda kontra l-kuntrabandu, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol tal-migranti teħtieġ kemm reazzjonijiet fil-perjodu qasir, medju u fit-tul, fosthom miżuri biex jiġu sfrattati n-networks kriminali u biex il-kriminali jiġu mressqa quddiem il-ġustizzja, il-ġbir u l-analiżi tad-data, miżuri ta' protezzjoni għall-vittmi u miżuri ta' ritorn għall-migranti residenti b'mod irregolari, kif ukoll kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u strateġiji aktar fit-tul sabiex tkun indirizzata d-domanda għal persuni traffikati u kuntrabandati u l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni li jġiegħlu l-persuni jispiċċaw taħt idejn il-kuntrabandisti kriminali;

([1]) IOM, Missing Migrants Project, http://missingmigrants.iom.int/.

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika tal-viżi, inkluż ir-rwol tal-Aġenzija tal-Fruntieri u ta' Aġenziji rilevanti oħra***

M. billi attwalment għaddejja l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fuq diversi proposti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-fruntieri u tal-viżi, b'mod partikolari dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Kodiċi tal-Unjoni dwar il-Viżi (riformulazzjoni) (2014/0094(COD), il-proposta għal regolament li jistabbilixxi viża itineranti (2014/0095(COD) u l-proposta għal regolament dwar format uniformi għall-viża: sigurtà (2015/0134(COD); u billi reċentament saru proposti ġodda f'dan il-qasam mill-Kummissjoni u se jiġu trattati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

N. billi t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni trid timxi id f'id mal-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni, bi standards komuni ta' livell għoli, skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u r-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali ta' kulħadd;

O. billi l-Parlament Ewropew talab lill-Aġenzija tal-Fruntieri tal-Unjoni ssaħħaħ il-kapaċità tagħha biex tittratta ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali, fosthom fi ħdan il-qafas ta' arranġamenti ta' ħidma konklużi mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, u billi l-proposta tal-Kummissjoni għal Aġenzija tal-Fruntieri tal-Unjoni ġdida tinkludi mekkaniżmu għall-ilmenti;

P. billi l-Kodiċi dwar il-Viżi attwali jippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mill-kriterji normali ta' ammissibilità fil-każ ta' applikazzjoni għal viża "għal raġunijiet umanitarji" (l-Artikoli 19 u 25);

***L-iżvilupp ta' rotot sikuri u legali lejn l-UE għall-persuni li jfittxu asil u għar-rifuġjati, inkluża l-politika ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u l-politiki ta' integrazzjoni korrispondenti***

Q. billi 86 % tal-popolazzjoni dinjija ta' rifuġjati huma ospitati minn pajjiżi mhux industrijalizzati; u billi n-netwerks kriminali u l-kuntrabandisti jisfruttaw id-disprament tan-nies li jkunu qed jippruvaw jidħlu fl-UE waqt li jkunu qed jaħarbu l-persekuzzjoni jew il-gwerra;

R. billi r-rotot sikuri u legali biex ir-rifuġjati jaċċedu l-Unjoni huma limitati, u ħafna għadhom jissograw li jużaw rotot perikolużi; u billi l-ħolqien ta' rotot sikuri u legali biex dawk li qed ifittxu l-asil u r-rifuġjati jidħlu fl-Unjoni, żvilupp fuq leġiżlazzjoni u prattiki eżistenti, jippermetti lill-Unjoni u l-Istati Membri jkollhom stampa ġenerali aħjar tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni u tal-influss lejn l-UE u jimmina l-mudell kummerċjali tal-kuntrabandisti;

***L-istrateġija dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dwar il-programmi ta' protezzjoni reġjonali, ir-risistemazzjoni, ir-ritorn u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni***

S. billi l-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi tiġi żviluppata permezz ta' strumenti politiċi bħalma huma d-djalogi reġjonali, id-djalogi bilaterali, l-aġendi komuni għall-migrazzjoni u l-mobilità u s-sħubijiet tal-mobilità, permezz ta' strumenti legali bħal klawżoli tal-migrazzjoni fil-"ftehimiet globali", ftehimiet ta' riammissjoni, ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viżi u ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża, u permezz ta' strumenti operattivi bħall-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali (RPP), Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni (RDPP), l-arranġamenti ta' ħidma tal-Frontex u l-kooperazzjoni tal-EASO ma' pajjiżi terzi;

T. billi l-Istati Membri individwali għadhom qed jiżviluppaw azzjoni esterna qawwija dwar il-migrazzjoni fuq livell bilaterali;

U. billi l-Unjoni intensifikat il-kooperazzjoni esterna tagħha ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil biex tirreaġixxi b'mod adegwat għall-kriżi tar-rifuġjati attwali, u nediet inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni bħalma huma l-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u t-Turkija, l-impenji meħuda dwar ir-Rotot tal-Balkani tal-Punent u l-Pjan ta' Azzjoni adottat waqt is-Summit tal-Belt Valletta;

**It-Tlieta 12 ta’ April 2016**

***L-iżvilupp ta’ possibilitajiet legali adegwati għall-migrazzjoni ekonomika***

V. billi huwa mistenni li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tal-Unjoni se tonqos b’7,5 miljuni sal-2020; billi t-tbassir dwar l-iżvilupp tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni jindika nuqqasijiet emerġenti u futuri f’oqsma speċifiċi; u billi ċittadini ta’ pajjiżi terzi jħabbtu wiċċhom ma’ ħafna diffikultajiet biex jiksbu rikonoxximent tal-kwalifiki barranin tagħhom, u għaldaqstant għandhom it-tendenza li jkunu kwalifikati żżejjed għal xogħolhom;

W. billi l-approċċ attwali tal-Unjoni lejn il-migrazzjoni tal-ħaddiema huwa frammentat, b’għadd kbir ta’ direttivi li jiffokaw fuq kategoriji speċifiċi ta’ ħaddiema u ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitħallew jaħdmu; u billi dan l-approċċ jista’ jservi biss biex jaqdi ħtiġijiet speċifiċi u għal żmien qasir;

***Analiżi ta’ kif il-fondi tal-Affarijiet Interni qed jintefqu fil-kuntest tal-migrazzjoni u tal-iżvilupp, inklużi l-fondi ta’ emerġenza***

X. billi jeżistu diversi strumenti finanzjarji tal-UE għall-finanzjament tal-azzjonijiet tal-Istati Membri u ta’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni, l-asil u l-ġestjoni tal-fruntieri; billi b’mod partikolari l-fondi għall-Istati Membri huma allokati prinċipalment permezz tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), iżda billi diversi programmi u fondi oħra jistgħu jintużaw għal attivitajiet relatati mal-migrazzjoni; u billi l-finanzjament lil pajjiżi terzi, filwaqt li jiġi allokat prinċipalment permezz tal-Istrument ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, huwa amministrat minn diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

Y. billi l-frammentazzjoni eżistenti tal-linji baġitarji u tar-responsabilitajiet taf tagħmilha diffiċli li tingħata ħarsa ġenerali komprensiva ta’ kif jintużaw il-fondi, u anki biex jiġi kkwantifikat b’mod preċiż l-ammont ta’ infiq tal-Unjoni fuq il-migrazzjoni;

***Implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluż ir-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Asil***

Z. billi s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) tinkludi ġabra ta’ regoli komuni għall-politika komuni tal-asil, status tal-asil uniformi u proċeduri tal-asil komuni validi fl-Unjoni kollha; billi, madankollu, ħafna twissijiet, inklużi d-deċiżjonijiet ta’ ksur adottati mill-Kummissjoni, juru li f’bosta Stati Membri s-SEKA ma ġietx applikata għalkollox; billi l-implimentazzjoni hija essenzjali sabiex jiġu armonizzati l-liġijiet nazzjonali u tkun promossa s-solidarjetà fost l-Istati Membri, u billi l-Istati Membri jistgħu jfittxu assistenza ta’ appoġġ mill-EASO sabiex jissodisfaw l-istandards meħtieġa mis-SEKA; billi l-armonizazzjoni tal-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza u tal-proċeduri ta’ asil tista’ tevita l-istress fuq pajjiżi li joffru kundizzjonijiet aħjar u huma kruċjali għat-tqassim tar-responsabilità;

AA. billi l-mekkaniżmi attwali tas-sistema ta’ Dublin naqsu milli jkunu oġġettivi, milli jistabbilixxu kriterji ġusti għall-allokazzjoni tar-responsabilità għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u milli jagħtu aċċess rapidu għall-protezzjoni; billi s-sistema mhux qiegħda tiġi applikata fil-prattika, u ġew adottati derogi espliċiti permezz ta’ żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni temporanja; u billi l-Kummissjoni ħabbret proposta għal reviżjoni xierqa tar-Regolament Dublin III sa Marzu 2016;

AB. billi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 jipprevedi li l-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw kontra r-rifuġjati abbażi tar-razza, tar-reliġjon jew tal-pajjiż ta’ oriġini tagħhom;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Dwar is-solidarjetà***

1. Jirrimarka li s-solidarjetà għandha tkun il-prinċipju li fuqu tkun ibbażata l-azzjoni tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni; jinnota li l-prinċipju ta' solidarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE, ikopri l-asil, l-immigrazzjoni u l-politiki tal-kontroll tal-fruntieri; huwa tal-fehma li l-Artikolu 80 jipprovdi bażi ġuridika "b'mod konġunt" mal-Artikoli 77-79 tat-TFUE għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà f'dawk l-oqsma;

***Dwar it-tiftix u s-salvataġġ***

2. Jibda mill-premessa li s-salvataġġ tal-ħajjiet jeħtieġ ikun l-ewwel prijorità u li finanzjament xieraq, fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, għal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ huwa essenzjali; jinnota li kien hemm żieda fl-għadd ta' wasliet irregolari bil-baħar u żieda allarmanti fl-għadd ta' mwiet fuq il-baħar, u li għad hemm il-ħtieġa ta' reazzjoni aħjar min-naħa tal-Ewropa;

3. Ifakkar li s-salvataġġ tal-ħajjiet huwa att ta' solidarjetà ma' dawk f'riskju, iżda li huwa wkoll obbligu legali taħt id-dritt internazzjonali, peress li l-Artikolu 98 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, irratifikata mill-Istati Membri kollha u mill-Unjoni nnifisha, jitlob li tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun tinsab f'diffikultà fil-baħar;

4. Huwa tal-fehma li min-naħa tal-Unjoni, rispons permanenti, robust u effettiv fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar huwa kruċjali għall-prevenzjoni ta' aktar imwiet ta' migranti li jkunu qed jippruvaw jaqsmu l-baħar Mediterran;

5. Jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-kapaċitajiet ta' tiftix u salvataġġ għandhom jissaħħu, u li l-gvernijiet tal-Istati Membri jridu jużaw aktar riżorsi, f'termini ta' assistenza u mezzi finanzjarji, fil-kuntest ta' operazzjoni umanitarja fl-Unjoni kollha, dedikata għas-sejbien, is-salvataġġ u l-assistenza tal-migranti fil-periklu u li dawn jinġiebu lejn l-eqreb post ta' sikurezza;

6. Jirrimarka li l-kaptani ta' bastimenti privati jew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li ġenwinament jgħinu lil persuni f'diffikultà fuq il-baħar ma għandhomx jissograw li jiġu kkastigati talli jipprovdu tali assistenza; jemmen li bastimenti merkantili m'għandhomx jipprovdu alternattiva minflok mal-Istati Membri u l-Unjoni jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'termini ta' tiftix u salvataġġ;

***Dwar l-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu kriminali***

7. Jitlob li ssir distinzjoni ċara bejn dawk il-persuni li jiddaħħlu fl-Unjoni bil-kuntrabandu u dawk li huma ttraffikati lejn l-Unjoni minħabba li, filwaqt li reazzjoni ta' politika trid tiġi integrata sew, jeħtieġ li tkun ukoll immirata tajjeb; jiddikjara li, f'termini ġenerali, il-kuntrabandu kriminali ta' migranti jinvolvi l-faċilitazzjoni tad-dħul irregolari ta' persuna fi Stat Membru, filwaqt li t-traffikar tal-bnedmin jinvolvi r-reklutaġġ, it-trasport jew l-ilqugħ ta' persuna bl-użu ta' mezzi vjolenti, qarrieqa jew abbużivi, għall-fini ta' sfruttament;

8. Jemmen li kwalunkwe approċċ olistiku lejn il-migrazzjoni jeħtieġ neċessarjament jinkludi miżuri mmirati biex jisfrattaw l-attivitajiet tan-netwerks kriminali involuti fit-traffikar u l-kuntrabandu tal-persuni;

9. Jilqa' r-rwol pożittiv tal-bastimenti militari fis-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar u biex jisfrattaw in-netwerks kriminali sal-lum; jappoġġja l-għanijiet ta' operazzjonijiet tal-forzi navali bħall-Operazzjoni Sophia, u jishaq fuq il-ħtieġa li tkun imħarsa l-ħajja, filwaqt li jenfasizza li l-aspetti kollha tal-operazzjoni għandhom jiżguraw li jiġu protetti l-ħajjiet tal-migranti;

10. Jissottolinja li l-operazzjonijiet militari m'għandhomx ikunu l-aspett predominanti ta' kwalunkwe approċċ olistiku għall-migrazzjoni u jtenni li l-Operazzjoni Sophia ma għandhiex tieħu mit-tagħmir ġa impjegat fil-Mediterran fis-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Dwar ir-rwol tal-aġenziji tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu kriminali***

11. Jirrimarka li, peress li l-kriminali jistgħu jibdlu l-modus operandi tagħhom malajr ħafna, u fil-fatt hekk jagħmlu, ir-reazzjonijiet tal-politika jridu jadattaw ruħhom għall-aktar data reċenti u preċiża; jinnota, bħala pass pożittiv 'il quddiem, li l-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni kontra t-Traffikar tal-Migranti fis-27 ta' Mejju 2015 ("il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kuntrabandu"), li skontu l-Kummissjoni tipprevedi t-twaqqif ta' Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji tal-Unjoni dwar il-kuntrabandu tal-migranti, sabiex jiġu msaħħa l-kooperazzjoni operattiva tagħhom u l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom;

12. Jenfasizza li għandu jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti, bħall-analiżijiet tar-riskji tal-aġenziji; josserva li l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jikkooperaw bis-sħiħ, iżda jeħtieġ ukoll li dawn iżidu l-kooperazzjoni mal-Istati Membri; jinnota li koordinazzjoni aħjar tal-isforzi għandha tippermetti l-ġbir ta' data fil-livell nazzjonali u l-komunikazzjoni ta' din id-data lill-Aġenziji;

***Dwar ir-rilokazzjoni***

13. Ifakkar li l-proċess ta' rilokazzjoni – jiġifieri t-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru għal ieħor – huwa eżempju prattiku ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni; ifakkar ukoll li l-Parlament ilu mill-2009 'l hawn jitlob li jkun hemm mekkaniżmu vinkolanti għad-distribuzzjoni ta' dawk li jfittxu l-asil fost l-Istati Membri kollha;

14. Jinnota li, matul l-aħħar sena, il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet dwar miżuri ta' rilokazzjoni temporanja fl-Unjoni ("Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni") ([1]), u li dawn jinvolvu t-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali mill-Greċja u mill-Italja lejn Stati Membri oħra; josserva li, minkejja li d-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni ma jtemmux ir-regoli attwali ta' Dublin dwar l-allokazzjoni ta' responsabilità, dawn jikkostitwixxu "deroga temporanja" mir-regoli ta' Dublin;

15. Huwa tal-fehma li t-twaqqif ta' miżuri ta' rilokazzjoni urġenti huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, u jistieden lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli;

16. Ifakkar li, għall-finijiet tad-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni, ir-rilokazzjoni se tkopri biss dawk in-nazzjonalitajiet li għalihom il-proporzjon ta' deċiżjonijiet pożittivi rigward l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni kienet ta' 75 % jew aktar għat-tliet xhur preċedenti, abbażi tad-data tal-Eurostat; jinnota li d-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni se jolqtu għadd relattivament żgħir ta' nies, u se jħallu barra l-għadd kbir ta' applikanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi oħra li ma jistgħux jiġu rilokati skont dawk id-deċiżjonijiet;

17. Jinsab imħasseb li, skont id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni attwali, l-Istati Membri tal-ewwel wasla xorta għad iridu jittrattaw it-talbiet aktar kumplikati għal protezzjoni internazzjonali (u l-appelli), iridu jorganizzaw perjodi itwal ta' akkoljenza u se jkollhom jikkoordinaw ir-ritorn ta' dawk li fl-aħħar mill-aħħar ma jkunux intitolati għal protezzjoni internazzjonali; itenni li kwalunkwe sistema ġdida għall-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għandha tkun ibbażata fuq solidarjetà u tqassim ġust tar-responsabilità;

18. Huwa tal-fehma li, minbarra l-kriterji li jinsabu fid-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni, jiġifieri l-PDG tal-Istat Membru, il-popolazzjoni tal-Istat Membru, ir-rata tal-qgħad fl-Istat Membru, u l-għadd imgħoddi ta' persuni li fittxew asil fl-Istat Membru, għandhom jiġu kkunsidrati żewġ kriterji oħra, jiġifieri d-daqs tat-territorju tal-Istat Membru u d-densità tal-popolazzjoni tal-Istat Membru;

19. Jemmen li l-preferenzi tal-applikant, sa fejn jista' jkun possibbli fil-prattika, għandhom jitqiesu fit-twettiq tar-rilokazzjoni; jirrikonoxxi li dan huwa mod wieħed kif jiġu skoraġġuti movimenti sekondarji u kif l-applikanti nfushom jiġu mħeġġa jaċċettaw id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni, iżda li dan m'għandux iwaqqaf il-proċess ta' rilokazzjoni;

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601.

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Dwar ir-risistemazzjoni***

20. Huwa tal-fehma li r-risistemazzjoni hija waħda mill-alternattivi ppreferuti għall-għoti ta' aċċess sikur u legali għall-Unjoni lir-rifuġjati u lil dawk li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, meta r-rifuġjati la jkunu jistgħu jirritornaw fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u lanqas jirċievu protezzjoni effettiva jew jiġu integrati fil-pajjiż ospitanti;

21. Josserva, barra minn hekk, li r-risistemazzjoni taħt l-awspiċji tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) hija programm umanitarju stabbilit sewwa, u hija għodda utli għall-ġestjoni ta' wasliet ordnati ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali fit-territorji tal-Istati Membri;

22. Jirrimarka li, minħabba l-flussi bla preċedent ta' migranti li waslu u li qed ikomplu jaslu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, u ż-żieda kostanti fl-għadd ta' persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, l-Unjoni teħtieġ approċċ leġiżlattiv vinkolanti u obbligatorju għar-risistemazzjoni, kif stabbilit fl-aġenda tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni; jirrakkomanda li, sabiex ikollu impatt, approċċ tali jeħtieġ jipprevedi r-risistemazzjoni ta' għadd sinifikanti ta' rifuġjati, fir-rigward tal-għadd totali ta' rifuġjati li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni, u li jqis il-ħtiġijiet globali ta' risistemazzjoni ppubblikati kull sena mill-UNHCR;

23. Jissottolinja li hu meħtieġ programm ta' risistemazzjoni permanenti madwar l-Unjoni kollha, bil-parteċipazzjoni obbligatorja tal-Istati Membri, li jipprovdi risistemazzjoni għal għadd sinifikanti ta' rifuġjati, meta jitqies l-għadd totali tar-rifuġjati li jfittxu protezzjoni fl-Unjoni;

***Dwar l-ammissjoni umanitarja***

24. Jirrimarka li l-ammissjoni umanitarja tista' tintuża biex tikkumplimenta r-risistemazzjoni sabiex tagħti protezzjoni urġenti, ħafna drabi fuq bażi temporanja, lill-aktar vulnerabbli, fejn meħtieġ, pereżempju lil minorenni mhux akkumpanjati jew rifuġjati b'xi diżabilità jew dawk li jeħtieġu evakwazzjoni medika urġenti;

25. Jenfasizza li, sa fejn ir-risistemazzjoni tibqa' mhux disponibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-Istati Membri kollha għandhom jiġu mheġġa jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' ammissjoni umanitarja;

***Dwar il-viżi umanitarji***

26. Jirrimarka li l-viżi umanitarji jipprovdu lil persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali bil-mezzi biex jaċċedu għal pajjiż terz sabiex japplikaw għall-asil; jistieden lill-Istati Membri biex jużaw kwalunkwe possibilità eżistenti li jipprovdu viżi umanitarji, b'mod partikolari lil persuni vulnerabbli, fl-ambaxxati u l-uffiċċji konsulari tal-Unjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu;

27. Iqis li persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu jistgħu japplikaw għal viża umanitarja Ewropea direttament fi kwalunkwe konsulat jew ambaxxata tal-Istati Membri, ġaladarba ssir valutazzjoni u tingħata, tali viża umanitarja tippermetti lid-detentur tagħha li jidħol fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-viża għall-iskop uniku li jressaq fiha applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali; jemmen, għalhekk, li huwa neċessarju li l-Kodiċi tal-Unjoni dwar il-Viżi jiġi emendat billi jiddaħħlu fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi dwar viżi umanitarji;

***Dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)***

28. Jirrimarka li huma meħtieġa passi ulterjuri biex jiġi żgurat li s-SEKA ssir verament sistema uniformi;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

29. Ifakkar li valutazzjoni komprensiva (fil-forma ta' rapporti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni) tal-implimentazzjoni ta' dan il-pakkett, flimkien ma' segwitu rapidu fil-każ ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti f'ċerti Stati Membri, hi assolutament meħtieġa sabiex titjieb l-armonizzazzjoni;

30. Jinnota, pereżempju, li applikazzjonijiet inammissibbli, applikazzjonijiet sussegwenti, proċeduri aċċelerati u proċeduri fil-fruntieri huma kollha każijiet speċifiċi fejn ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil ipprovat issib bilanċ delikat bejn l-effiċjenza tas-sistema u d-drittijiet tal-applikanti, b'mod partikolari dawk ta' persuni vulnerabbli, jenfasizza li dan il-bilanċ jista' jintlaħaq biss jekk il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ u kif jixraq;

31. Jenfasizza l-importanza ta' kontroll ġudizzjarju ta' kull forma ta' detenzjoni skont il-liġijiet dwar l-immigrazzjoni u l-asil; ifakkar li kemm id-dritt internazzjonali kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jeżiġu li l-Istati Membri jeżaminaw alternattivi għad-detenzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod korrett il-Proċeduri tal-Asil u d-Direttivi dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza f'rabta mal-aċċess għaċ-ċentri ta' detenzjoni;

32. Ifakkar fl-importanza li jitnaqqas l-għadd ta' persuni apolidi, u jinkoraġġixxi l-Istati Membri jintroduċu proċeduri għad-determinazzjoni tal-apolidija u jaqsmu bejniethom il-prattiki tajbin dwar il-ġbir ta' data affidabbli dwar persuni apolidi kif ukoll dwar il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-apolidija;

***Dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Dublin III***

33. Josserva li l-operazzjoni tar-Regolament Dublin III ([1]) qajmet ħafna mistoqsijiet marbuta mal-ġustizzja u s-solidarjetà fl-allokazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali; jinnota li s-sistema attwali ma tqisx biżżejjed il-pressjoni migratorja partikolari li jiffaċċjaw l-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni; jemmen li l-Istati Membri jeħtieġ li jaċċettaw id-diffikultajiet attwali bil-loġika ta' Dublin u li l-Unjoni għandha tiżviluppa alternattivi għas-solidarjetà kemm fost l-Istati Membri kif ukoll mal-migranti kkonċernati;

34. Jenfasizza li l-pressjoni fuq is-sistema, kif stabbilita mir-Regolament ta' Dublin, minħabba n-numru dejjem jikber ta' migranti li jaslu fl-Unjoni wriet li, kif qed tkun implimentata, is-sistema fil-biċċa l-kbira ma rnexxilhiex tilħaq iż-żewġ għanijiet primarji tagħha li tistabbilixxi kriterji oġġettivi u ġusti għall-allokazzjoni ta' responsabilità u li toffri aċċess rapidu għal protezzjoni internazzjonali; itenni r-riservi tiegħu dwar il-kriterju fejn attwalment huwa l-Istat Membru tal-ewwel dħul li huwa determinat li jkun responsabbli għall-eżami ta' talba għal protezzjoni internazzjonali, u jqis li dan il-kriterju għandu jiġi rivedut;

35. Jirrimarka wkoll li, fl-istess ħin, l-inċidenza ta' movimenti sekondarji madwar l-Unjoni għadha għolja; iqis li huwa ovvju li, sa mill-ħolqien tagħha, is-sistema ta' Dublin ma kinitx imfassla biex tqassam ir-responsabilità fost l-Istati Membri, iżda li l-iskop prinċipali tagħha kien li tassenja rapidament responsabilità għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-asil lil Stat Membru wieħed;

36. Jirrakkomanda li l-kriterji li fuqhom huma bbażati d-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni għandhom jinbnew direttament fir-regoli standard tal-Unjoni għall-allokazzjoni tar-responsabilità għall-ipproċessar ta' talbiet għal protezzjoni internazzjonali; jenfasizza li, fir-rieżami tar-Regolament ta' Dublin, il-kunċett ta' "applikanti li jkunu fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali" jeħtieġ li jiġi rieżaminat, billi dawk il-migranti u r-rifuġjati li ma jaqgħux f'dik il-kategorija xorta jridu jiġu trattati mill-Istat Membru tal-ewwel wasla;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

37. Hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja l-Istati Membri li jirċievu l-aktar talbiet għall-asil b'appoġġ finanzjarju u tekniku proporzjonat u xieraq; iqis li r-raġuni fundamentali għall-użu ta' miżuri ta' solidarjetà u tat-tqassim tar-responsabilità hija li tittejjeb il-kwalità u t-tħaddim tas-SEKA;

38. Jirrimarka li alternattiva għal tiġdid maġġuri tas-sistema ta' Dublin tista' tkun li jiġi stabbilit ġbir ċentrali ta' applikazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni, hekk li kull min ifittex l-asil ikun meqjus bħala xi ħadd li qed ifittex l-asil fl-Unjoni bħala entità waħda u mhux fi Stat Membru individwali, u li tiġi stabbilita sistema ċentrali għall-allokazzjoni ta' responsabilità għal kwalunkwe persuna li tfittex l-asil fl-Unjoni; jissuġġerixxi li sistema bħal din tista' tipprovdi ċerti limiti għal kull Stat Membru skont in-numru ta' wasliet, u dan jista' jgħin biex jiġu skoraġġiti l-movimenti sekondarji, hekk kif l-Istati Membri kollha jkunu involuti bis-sħiħ fis-sistema ċentralizzata u ma jibqax ikollhom responsabilità individwali għall-allokazzjoni ta' applikanti lejn Stati Membri oħra; jemmen li tali sistema tkun tista' tiffunzjona abbażi ta' għadd ta' "hotspots" tal-Unjoni minn fejn għandha ssir id-distribuzzjoni tal-Unjoni; jissottolinja li kwalunkwe sistema ġdida għall-allokazzjoni ta' responsabilità għandha tinkorpora l-kunċetti ewlenin tal-unità tal-familja u tal-aħjar interessi tat-tfal;

***Dwar ir-rikonoxximent reċiproku***

39. Jinnota li fil-preżent, l-Istati Membri ma jirrikonoxxux deċiżjonijiet ta' Stati Membri oħra dwar l-asil għajr meta dawn ikunu negattivi; itenni li r-rikonoxximent reċiproku min-naħa tal-Istati Membri ta' deċiżjonijiet pożittivi dwar l-asil ikunu pass loġiku favur l-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 78(2)(a) tat-TFUE, li jitlob "status uniformi ta' asil validu fl-Unjoni kollha";

***Dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja***

40. Jirrimarka li, fil-każ ta' influss bil-massa, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq inizjattiva proprja jew wara li tagħmel eżami ta' talba minn Stat Membru, tista' tipproponi li tattiva d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE dwar il-Protezzjoni Temporanja (id-"Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja") ([1]); josserva li l-attivazzjoni nfisha tirrikjedi deċiżjoni tal-Kunsill adottata b'maġġoranza kwalifikata; jinnota li d-Direttiva għandha tiġi attivata meta jkun hemm riskju li s-sistema ta' asil tal-Unjoni ma tkunx tista' tkampa mal-influss bil-massa jew l-influss bil-massa imminenti ta' persuni spostati; jenfasizza, madankollu, li, mill-adozzjoni tagħha fl-2001, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja qatt ma ġiet attivata;

41. Jinnota li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tipprevedi wkoll il-possibilità ta' evakwazzjoni ta' persuni spostati minn pajjiżi terzi, u li tali evakwazzjoni tagħti lok għall-użu ta' kurituri umanitarji, f'kooperazzjoni mal-UNHCR, b'obbligu fuq l-Istati Membri, fejn meħtieġ, biex jipprovdu kull faċilità għall-ksib ta' viżi;

42. Jemmen li s-sistemi tal-asil ta' uħud mill-Istati Membri l-aktar esposti diġà huma mgħobbija żżejjed u li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, skont il-loġika tagħha stess, missha ġiet attivata; jitlob, f'kull każ, li tiġi stabbilita definizzjoni ċara ta' "influss bil-massa" meta din id-direttiva tiġi riveduta; jifhem li tali reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tista' tifforma parti mir-rieżami tas-sistema ta' Dublin;

***Dwar l-integrazzjoni***

43. Jinnota li l-parteċipazzjoni tal-atturi kollha involuti fis-soċjetà huwa kruċjali, u għalhekk jissuġġerixxi li, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri ta' integrazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattika f'dan il-qasam għandha tiġi msaħħa; jissottolinja li l-miżuri ta' integrazzjoni għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi residenti legalment għandhom jippromwovu l-inklużjoni, minflok l-iżolament; jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, inklużi l-bliet, għandhom rwol ewlieni fil-proċessi ta' integrazzjoni;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

44. Jenfasizza li l-Istati Membri ospitanti jeħtieġ li joffru appoġġ u opportunitajiet lir-rifuġjati biex jintegraw u jibnu ħajja fis-soċjetà l-ġdida tagħhom; jinnota li dan għandu neċessarjament jinkludi l-akkomodazzjoni, korsijiet tal-litteriżmu u tal-lingwa, djalogu interkulturali, edukazzjoni u taħriġ professjonali, kif ukoll aċċess effettiv għall-istrutturi demokratiċi fis-soċjetà – kif previst fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki [1]; jinnota li, bħaċ-ċittadini tal-Unjoni, ir-rifuġjati għandhom kemm drittijiet kif ukoll obbligi fl-Istati Membri ospitanti; jenfasizza li l-integrazzjoni hija proċess f'żewġ direzzjonijiet u li r-rispett lejn il-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' integrazzjoni, bħar-rispett tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati;

45. Ifakkar li, skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' aċċess lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għas-swieq tax-xogħol tagħhom, sakemm tali aċċess ikun effettiv u konformi mal-iskeda ta' żmien stabbilita fil-Paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu; jifhem li skont l-Artikolu 15(2), għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol l-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità liċ-ċittadini tal-Unjoni u liċ-ċittadini tal-Istati partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment;

46. Huwa tal-fehma li, meta dawk il-persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni jkollhom offerta ta' impjieg fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li fih ingħataw protezzjoni internazzjonali, huma għandu jkollhom il-possibilità li jaċċettaw din l-offerta;

47. Jafferma mill-ġdid li rikonoxximent aħjar tal-kwalifiki barranin hu mezz prattiku biex jiġi żgurat li ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jinsabu fl-Unjoni jkunu jistgħu jintegraw aħjar, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti adatti f'dan ir-rigward;

48. Iħeġġeġ programmi ta' integrazzjoni privati u komunitarji għal dawk il-persuni li ġew aċċettati għal risistemazzjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, u permezz ta' żviluppi fuq l-aħjar prattiki tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali;

***Dwar l-unità tal-familja***

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu li jżommu l-familji flimkien, u dan se jgħin il-prospetti ta' integrazzjoni fit-tul peress li l-attenzjoni tkun iffukata fuq l-istabbiliment ta' ħajja ġdida u mhux fuq it-tħassib dwar membri tal-familja li jkunu għadhom f'sitwazzjonijiet mhux sikuri;

50. Jissottolinja li l-Istati Membri għandhom jegħlbu l-ostakli legali u prattiċi biex jaslu għal deċiżjonijiet aktar rapidi dwar ir-riunifikazzjoni tal-familji;

51. Jirrakkomanda li, sakemm ir-Regolament ta' Dublin jiġi mibdul b'mod radikali, huwa importanti li l-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mill-klawsoli diskrezzjonarji biex jirrispettaw il-prinċipju tal-unità tal-familja;

***Dwar it-tfal***

52. Jenfasizza l-pożizzjoni vulnerabbli tat-tfal li jaslu fl-Unjoni u jtenni d-dritt ta' kull tifel u tifla li jiġu trattati l-ewwel u qabel kollox bħala tfal; jistieden lill-Istati Membri biex japplikaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet speċifiċi tas-SEKA dwar minorenni mhux akkumpanjati, inkluż l-aċċess għal assistenza legali, tutela, aċċess għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni, id-dritt li dak li jkun jitkellem b'lingwa li jifhem u li jkun intervistat minn uffiċjali mħarrġa kif jixraq; itenni li l-Istati Membri ma għandhomx jiddettjenu t-tfal għar-raġuni li jkunu migranti;

53. Ifakkar li l-appoġġ, l-informazzjoni u l-protezzjoni għandhom jiġu estiżi għal tfal mhux akkumpanjati jew separati, f'konformità mal-aħjar interessi tagħhom, u li l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familji ppreżentati minn tfal mhux akkumpanjati jew separati għandhom ikunu mħaffa;

(1) Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (GU L 337, 20.12.2011, p. 9).

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

54. Jinnota li tutela effettiva u sistema ta' protezzjoni sensittiva għat-tfal huma essenzjali għall-prevenzjoni tal-abbuż, in-negliġenza u l-isfruttament ta' tfal imċaħħda mill-indukrar tal-ġenituri; jenfasizza l-importanza li jiġu definiti linji gwida tal-UE għal sistema ta' tutela bl-għan li jipprovdu appoġġ u protezzjoni xierqa u li jiżguraw li t-tfal barranin u nazzjonali jiġu trattati bl-istess mod;

55. Jemmen li d-determinazzjoni tal-età għandha ssir bl-inqas mod invażiv possibbli, għandha tkun multidixxiplinarja u sikura u għandha tirrispetta l-integrità fiżika u d-dinjità umana tat-tfal, b'attenzjoni partikolari għall-bniet, u għandha ssir minn prattikanti u esperti indipendenti u kwalifikati;

56. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru data diżaggregata dwar is-sitwazzjoni tat-tfal rifuġjati u migranti sabiex titjieb il-kapaċità tas-sistemi li jintegraw lit-tfal ta' rifuġjati u migranti;

***Dwar ir-ritorni***

57. Jifhem li r-ritorn sikur ta' dawk in-nies li, wara valutazzjoni individwali tal-applikazzjoni tagħhom għall-asil, jitqies li ma jkunux eleġibbli għall-protezzjoni fl-Unjoni, jeħtieġ li jsir bħala parti mill-implementazzjoni xierqa tas-SEKA;

58. Jirrikonoxxi li, fid-dawl tal-fatt li fl-2014, 36 % taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu ordnati jitilqu mill-Unjoni fil-fatt ġew ritornati, jeħtieġ li tittejjeb l-effikaċja tas-sistema ta' ritorn tal-Unjoni;

59. Iqis li sabiex tiżdied l-effiċjenza tar-riammissjonijiet, u sabiex tiġi żgurata l-koerenza tar-ritorni fil-livell Ewropew, se jkun meħtieġ li jiġu adottati ftehimiet ta' riammissjoni Ewropej ġodda li jieħdu preferenza fuq ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi;

60. Jemmen li r-ritorn tal-migranti għandu jitwettaq biss b'mod sikur, b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u proċedurali tal-migranti konċernati, u meta l-pajjiż fejn ikunu qed jiġu ritornati jkun sikur għalihom; itenni, f'dan ir-rigward, li għandha tingħata prijorità lir-ritorn volontarju minflok ir-ritorn furzat;

61. Jissuġġerixxi li kull tentattiv mill-Istati Membri biex jagħmlu "push back" tal-migranti li ma jkunux ġew mogħtija l-opportunità li jippreżentaw talbiet għall-asil imur kontra d-dritt tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali, u li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni xierqa kontra kwalunkwe Stat Membru li jipprova jwettaq tali "push backs";

***Dwar lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri***

62. Jirrikonoxxi l-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal lista tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li temenda d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil ([1]); josserva li jekk tali lista tal-Unjoni ssir obbligatorja għall-Istati Membri din tista', fil-prinċipju, tkun għodda importanti għall-iffaċilitar tal-proċess tal-asil, inkluż ir-ritorn;

63. Jiddispjaċih dwar is-sitwazzjoni attwali fejn l-Istati Membri japplikaw listi differenti, li fihom pajjiżi sikuri differenti, u dan ixekkel l-applikazzjoni uniformi u jinċentiva l-movimenti sekondarji;

64. Jissottolinja, fi kwalunkwe każ, li l-ebda lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri m'għandha tippreġudika l-prinċipju li kull persuna għandu jsirilha eżami individwali xieraq tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali;

([1]) Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Dwar il-proċeduri ta' ksur***

65. Jinnota li f'Settembru 2015, il-Kummissjoni kienet obbligata tadotta 40 deċiżjoni ta' ksur relatati mal-implimentazzjoni tas-SEKA kontra 19-il Stat Membru, u dan apparti 34 każ ieħor li diġà kienu pendenti; itenni li l-Parlament għandu jinżamm għalkollox infurmat dwar il-proċedimenti mibdija mill-Kummissjoni kontra l-Istati Membri li ma implimentawx, jew ma implimentawx kif suppost, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam;

66. Jenfasizza mill-ġdid kemm hu essenzjali li, ladarba l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun ġiet miftiehma u adottata, l-Istati Membri jżommu kelmthom u jimplimentaw dik il-leġiżlazzjoni;

67. Jinnota wkoll li huwa impossibbli li jiġu evalwati kif jixraq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' ċerti elementi tas-SEKA minħabba l-fatt li ħafna Stati Membri għadhom ma implimentawx il-leġiżlazzjoni għalkollox;

***Dwar l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)***

68. Jirrakkomanda li l-EASO jiġi żviluppat, fuq medda ta' żmien twila, f'koordinatur prinċipali tas-SEKA bil-ħsieb li tkun iggarantita l-applikazzjoni komuni tar-regoli ta' dik is-sistema; itenni li, hekk kif is-SEKA ssir ġenwinament Ewropea, l-EASO jeħtieġ jiżviluppa minn ġabra ta' esperti mill-Istati Membri għal aġenzija stabbilita tal-Unjoni li tipprovdi appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri u fil-fruntieri esterni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li din jeħtieġ li tingħata l-finanzjament u r-riżorsi umani meħtieġa fuq medda qasira, medja u twila ta' żmien;

69. Josserva li l-baġit tal-EASO għall-2015 għar-rilokazzjoni, ir-risistemazzjoni u d-dimensjoni esterna kien ta' EUR 30 000 biss; itenni li dan il-baġit tant żgħir ma jistax jittieħed bis-serjetà fid-dawl tal-avvenimenti attwali fil-Mediterran u fid-dawl tad-diversi referenzi magħmula lill-EASO fid-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni; ifakkar li żidiet sinifikanti fil-baġit tal-EASO, fir-riżorsi umani tiegħu u fl-ammonti li dan jalloka fir-rigward tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, se jkunu meħtieġa fuq medda qasira, medja u twila ta' żmien;

***Dwar il-Frontex u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ġdida proposta***

70. Jinnota r-rwol reċenti tal-Frontex fl-għoti ta' assistenza lil kwalunkwe bastiment jew persuna f'diffikultà fil-baħar, u jirrikonoxxi l-kontribut tagħha, permezz tal-operazzjonijiet konġunti Triton u Poseidon, għas-salvataġġ ta' ħafna ħajjiet fil-Mediterran;

71. Jifhem li din il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li ġiet proposta reċentement hija maħsuba biex tissostitwixxi l-Frontex u tiżgura sistema integrata Ewropea għall-ġestjoni tal-fruntieri fil-fruntieri esterni bl-għan li l-migrazzjoni tiġi ġestita b'mod effettiv u tiżgura livell għoli ta' sigurtà interna fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jkun issalvagwardjat il-moviment ħieles tal-persuni fi ħdanha; f'konformità mat-Trattati u l-Protokolli tagħhom, jinnota li l-Istati Membri li huma parti mill-Ftehimiet ta' Schengen iżda għadhom mhumiex parti miż-Żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jipparteċipaw fi u/jew jibbenefikaw mill-azzjonijiet kollha skont il-proposta l-ġdida;

72. Jistenna bil-ħerqa n-negozjati dwar il-proposta fi ħdan u bejn il-koleġiżlaturi fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, skont l-Artikolu 294 tat-TFUE;

***Dwar Schengen u l-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri esterni***

73. Ifakkar li minn meta ġiet stabbilita ż-Żona Schengen, l-Unjoni hija żona mingħajr fruntieri interni, li l-Istati Membri ta' Schengen żviluppaw politika komuni pass wara pass lejn il-fruntieri esterni ta' Schengen, u li l-loġika inerenti ta' sistema bħal din minn dejjem kienet li l-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni għandha timxi id f'id ma' miżuri kompensatorji għat-tisħiħ tal-fruntieri esterni taż-Żona Schengen u l-qsim tal-informazzjoni permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS");

74. Jirrikonoxxi li l-integrità taż-Żona Schengen u t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni jiddependu fuq ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni, bi standards komuni għoljin applikati mill-Istati Membri kollha fil-fruntieri esterni u skambju effettiv ta' informazzjoni bejniethom;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

75. Jaċċetta li l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tagħha u tkompli tiżviluppa s-SEKA, u li jinħtieġu miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità taż-Żona Schengen li tindirizza l-isfidi l-ġodda li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa u tħares il-prinċipji fundamentali tas-sigurtà u l-moviment liberu tal-persuni;

76. Jindika li l-aċċess għat-territorju taż-Żona Schengen b'mod ġenerali huwa kkontrollat fil-fruntiera esterna skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u li, barra minn hekk, iċ-ċittadini ta' bosta pajjiżi terzi jeħtieġu viża biex jidħlu fiż-Żona Schengen;

77. Itenni t-talba tal-UNHCR li r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali jistgħu jiġu żgurati biss jekk il-proċeduri u l-pjanijiet operattivi jirriflettu dawk l-obbligi fi gwida prattika u ċara lill-persunal tal-fruntiera, inklużi dawk tal-fruntieri tal-art, tal-baħar u tal-ajru; jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jkompli jiġi msaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili biex jirreaġixxi għal okkażjonijiet li jkollhom impatti b'firxa wiesgħa li jolqtu għadd sinifikanti ta' Stati Membri;

78. Jenfasizza għal darb'oħra li rigward leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni, biex il-leġiżlazzjoni dwar il-fruntieri interni u esterni tkun effettiva, huwa essenzjali li l-miżuri miftiehma fil-livell tal-Unjoni jiġu implimentati kif jixraq mill-Istati Membri; jissottolinja li implimentazzjoni aħjar ta' miżuri mill-Istati Membri fil-fruntieri esterni, wara żieda fil-pressjoni, hija essenzjali u għandha tgħin xi ftit biex ittaffi l-biża' taċ-ċittadini rigward is-sigurtà;

79. Jieħu nota li fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ressqet proposta għal reviżjoni mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u pproponiet li jiġu introdotti kontrolli sistematiċi taċ-ċittadini tal-Unjoni kollha (mhux biss fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi) mal-bażijiet ta' data rilevanti fil-fruntieri esterni taż-Żona Schengen;

80. Iqis li ż-Żona Schengen hija waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea; jinnota li l-kunflitt fis-Sirja u kunflitti oħra f'partijiet oħra tar-reġjun qanqlu l-wasla ta' għadd rekord ta' rifuġjati u migranti fl-Unjoni, li min-naħa tagħha wriet nuqqasijiet f'partijiet tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li, bħala reazzjoni, xi Stati Membri ħassew il-ħtieġa li jagħlqu l-fruntieri interni tagħhom jew jintroduċu kontrolli temporanji fil-fruntieri, u għaldaqstant qed jheddu l-funzjonament tajjeb taż-Żona Schengen;

### *Dwar il-hotspots*

81. Ifakkar li skont l-"approċċ ta' hotspots" stabbilit mill-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tagħha, l-Aġenzija tal-Fruntieri, l-EASO, l-Europol u l-Eurojust għandhom jagħtu assistenza operazzjonali lill-Istati Membri skont il-mandati rispettivi tagħhom;

82. Jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-aġenziji tal-Unjoni jeħtieġu r-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti assenjati lilhom; jinsisti li l-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri jżommu lill-Parlament infurmat għalkollox dwar il-ħidma mwettqa fil-hotspots;

83. Jinnota li ż-żewġ Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni jipprevedu appoġġ operazzjonali fil-hotspots li għandu jingħata lill-Italja u lill-Greċja għall-iskrinjar tal-migranti malli jaslu, ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, l-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti dwar ir-rilokazzjoni, l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn għal dawk li ma jkunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali u li ma jkunux intitolati b'xi mod ieħor li jibqgħu jew dawk li jkunu applikaw mingħajr suċċess, u l-faċilitazzjoni tal-passi kollha involuti fil-proċedura ta' rilokazzjoni nfisha;

84. Jitlob li l-hotspots jiġu stabbiliti malajr kemm jista' jkun sabiex jagħtu għajnuna operazzjonali konkreta lil dawk l-Istati Membri; jitlob li jiġu allokati riżorsi tekniċi u finanzjarji u appoġġ lill-Istati Membri tal-ewwel wasla, bħall-Italja u l-Greċja, li jippermettu reġistrazzjoni rapida u effettiva u tressiq quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-migranti kollha li jaslu fl-Unjoni b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom; iqis li appoġġ rapidu u effettiv mill-Unjoni lill-Istati Membri u l-aċċettazzjoni ta' tali appoġġ huwa importanti għall-fiduċja reċiproka;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

85. Jirrikonoxxi li wieħed mill-iskopijiet prinċipali tal-hotspots hu li jippermetti lill-Unjoni tagħti protezzjoni u assistenza umanitarja b'mod rapidu lil dawk li jkunu jeħtiġuhom; jenfasizza li jeħtieġ li tingħata attenzjoni kbira biex ikun żgurat li l-kategorizzazzjoni tal-migranti fil-hotspots titwettaq b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-migranti kollha; jirrikonoxxi, madankollu, li l-identifikazzjoni xierqa tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fil-punt tal-ewwel wasla fl-Unjoni għandha tgħin biex ikun faċilitat il-funzjonament ġenerali ta' SEKA riformata;

***Dwar il-liġi kriminali relatata mal-migrazzjoni***

86. Jinnota li fil-Pjan ta' Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Migranti tagħha, il-Kummissjoni tiddikjara li qed tikkunsidra reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti;

87. Jemmen li din ir-reviżjoni hija meħtieġa u għandha tqis l-introduzzjoni ta' sistema li tippermetti lill-vittmi tat-traffikar u l-kuntrabandu kriminali li jersqu minn jeddhom u jkunu ta' għajnuna fil-prosekuzzjoni effettiva ta' traffikant jew kuntrabandist kriminali mingħajr il-biża' li jitressqu proċedimenti kontrihom;

88. Jinnota li l-Kummissjoni qed tikkunsidra reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati; hu tal-fehma li kwalunkwe persuna li tipprovdi forom differenti ta' assistenza umanitarja lil dawk fil-bżonn m'għandhiex tkun kriminalizzata, u li l-liġi tal-Unjoni għandha tirrifletti dan il-prinċipju;

89. Jenfasizza li pass ieħor kruċjali biex jiġu meqruda n-netwerks tal-kuntrabandu kriminali u tat-traffikar huwa li tingħata prijorità lill-investigazzjonijiet finanzjarji, peress li t-traċċar u l-konfiska tal-profitti ta' dawk in-netwerks kriminali hija essenzjali biex dawn jiddgħajfu u eventwalment jiġu meqruda; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri biex jittrasponu malajr u b'mod effettiv ir-raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus;

90. Ifakkar li, biex ikun żgurat li l-investigazzjonijiet kriminali jitwettqu b'mod effikaċi, it-taħriġ tal-prattikanti professjonali hu essenzjali, ħalli dawk li jkunu involuti jifhmu għalkollox il-fenomenu li qed jippruvaw jittrattaw u jkunu jafu kif jgħarfuh fi stadju bikri;

***Dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi***

91. Jirrimarka li l-pilastru tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) dwar l-asil u l-protezzjoni internazzjonali għandu jiġi żviluppat aktar, b'involviment akbar tal-pajjiżi terzi; jinnota li l-azzjonijiet attwali f'dan il-qasam, taħt il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali (RPP) jew il-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni (RDPP), jiffokaw fuq il-bini tal-kapaċità għall-ġlieda kontra n-netwerks tal-kuntrabandu kriminali u tat-traffikar tal-bnedmin fi ħdan pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu; jinnota, fl-istess ħin, li l-komponent ta' risistemazzjoni ta' dawn il-programmi għadu dgħajjef; jemmen li l-isforzi għall-bini tal-kapaċità u l-attivitajiet ta' risistemazzjoni għandhom jiġu intensifikati u mwettqa flimkien ma' pajjiżi terzi li jospitaw popolazzjonijiet kbar ta' rifuġjati;

92. Jirrikonoxxi li l-istrument bażiku li jistipula l-objettivi tal-politiki esterni tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, l-asil u l-fruntieri huwa l-GAMM; jinnota li jeżistu diversi strumenti taħt dik il-kategorija, inklużi djalogi reġjonali, djalogi bilaterali, sħubijiet tal-mobilità, aġendi komuni għall-migrazzjoni u l-mobilità, ftehimiet ta' riammissjoni, ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viżi, ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viżi, Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali u Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

93. Jifhem li d-dimensjoni esterna għandha tiffoka fuq kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi sabiex jiġu trattati u indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi irregolari lejn l-Ewropa; jifhem li s-sħubijiet u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni għandhom ikomplu jkunu ta' prijorità, pereżempju permezz tal-proċessi ta' Khartoum u ta' Rabat, id-djalogu Afrika-UE dwar il-migrazzjoni u l-mobilità, il-Proċess ta' Budapest u l-Proċess ta' Praga;

94. Jindika li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu selettivi fl-appoġġ li jagħtu lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi billi jqisu l-imġiba ta' dawk l-aġenziji fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti;

95. Jirrakkomanda li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi tinvolvi l-valutazzjoni tas-sistemi tal-asil ta' dawk il-pajjiżi, l-appoġġ tagħhom lir-rifuġjati, u l-ħila u r-rieda tagħhom li jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu kriminali lejn u f'dawk il-pajjiżi;

96. Jistieden lill-Unjoni tgħin lill-pajjiżi terzi jibnu s-sistemi tal-asil u l-istrateġiji tal-integrazzjoni tagħhom sabiex jippermettu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jfittxu protezzjoni hemmhekk; jemmen li l-Unjoni jeħtieġ tadotta approċċ favorevoli għal kulħadd għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jiġifieri, approċċ li huwa ta' benefiċċju għall-Unjoni, għall-pajjiż terz konċernat u għar-rifuġjati u l-migranti f'dak il-pajjiż terz;

97. Ifakkar li l-Unjoni intensifikat il-kooperazzjoni esterna tagħha ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil biex ikun hemm reazzjoni adegwata għall-kriżi tar-rifuġjati attwali, u nediet inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni, bħall-Pjan ta' Azzjoni UE-Turkija; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-partijiet kollha jwettqu l-impenji derivati mill-Pjan ta' Azzjoni Konġunt, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali li qed iwasslu għall-influss massiv ta' Sirjani, l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni għall-appoġġ ta' Sirjani taħt protezzjoni temporanja u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fit-Turkija, u għat-Turkija biex twettaq l-impenji tagħha li tipprevjeni l-flussi migratorji irregolari mit-territorju tagħha lejn l-Unjoni;

***Dwar kampanji ta' sensibilizzazzjoni***

98. Jindika li ħafna persuni kuntrabandati jkollhom xi livell ta' għarfien dwar ir-riskji li jkunu se jħabbtu wiċċhom magħhom fuq vjaġġ potenzjalment perikoluż lejn l-Ewropa, iżda xorta waħda jagħżlu li jagħmlu l-vjaġġ, peress li jivvalutaw li r-riskji tal-vjaġġ ikunu iżgħar minn dawk li jkunu se jħabbtu wiċċhom magħhom jekk ma jemigrawx;

99. Jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Migranti jorbot it-tnedija ta' kampanji ġodda ta' sensibilizzazzjoni mal-valutazzjoni ta' kampanji eżistenti; jirrakkomanda li kwalunkwe kampanja ta' dan it-tip għandha tinkludi informazzjoni dwar il-kriterji li għandhom jintużaw biex jiġi determinat l-istatus ta' protezzjoni fl-Unjoni, peress li tali informazzjoni tista' tikkonvinċi lil xi migranti, li jissograw li jagħmlu vjaġġ perikoluż minkejja li jekk ma jingħatawx protezzjoni jerġgħu jintbagħtu lura, biex ma jagħmlux il-vjaġġ;

***Dwar l-indirizzar tal-kawżi fundamentali***

100. Jafferma mill-ġdid li l-Unjoni jeħtieġ li tadotta strateġija fit-tul biex tgħin biex jingħelbu l-"push factors" f'pajjiżi terzi (il-kunflitt, il-persekuzzjoni, it-tindif etniku, il-vjolenza ġeneralizzata u fatturi oħra bħall-faqar estrem, it-tibdil fil-klima jew id-diżastri naturali), li jġiegħlu lil persuni jirrikorru għand netwerks tal-kuntrabandu kriminali, peress li jqisuhom bħala l-uniku ċans tagħhom li jaslu fl-Unjoni;

101. Ifakkar li r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Migranti talab ukoll lill-UE biex tiftaħ possibilitajiet ta' migrazzjoni regolari biex il-migranti jkunu jistgħu jużaw mezzi formali ta' dħul u ħruġ minflok ma jkollhom jirrikorru għand netwerks tal-kuntrabandu kriminali;

102. Jenfasizza li ż-żieda reċenti fil-wasliet ta' rifuġjati fl-Unjoni wriet li, waħedhom, il-miżuri preventivi m'humiex biżżejjed biex jiġġestixxu l-fenomeni migratorji attwali;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

103. Jifhem li fuq medda twila ta' żmien jeħtieġ li tingħata spinta akbar biex jissolvew il-kwistjonijiet ġeopolitiċi li jolqtu l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, peress li l-gwerra, il-faqar, il-korruzzjoni, il-ġuħ u n-nuqqas ta' opportunitajiet ifissru li n-nies se jibqgħu jħossuhom imġiegħla jaħarbu lejn l-Ewropa sakemm l-Ewropa ma tqisx kif se tgħin lil dawk il-pajjiżi jinbnew mill-ġdid; jindika li dan ifisser li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu jagħtu finanzjament biex jgħinu l-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi, bħal pereżempju billi jiffaċilitaw l-investiment u l-edukazzjoni, isaħħu u jinfurzaw is-sistemi tal-asil, jgħinu biex titjieb il-ġestjoni tal-fruntieri u jsaħħu s-sistemi legali u ġudizzjarji hemmhekk;

***Dwar il-finanzjament għal pajjiżi terzi***

104. Jinnota li l-istrument ta' finanzjament ewlieni għall-finanzjament lil pajjiżi terzi huwa l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), li jinkludi l-uniku finanzjament tematiku globali għall-migrazzjoni tal-Unjoni taħt il-Programm Beni u Sfidi Pubbliċi Globali ġestit mid-Direttorat Ġenerali (DĠ) għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DEVCO); jinnota wkoll li, bħal fil-każ ta' fondi allokati direttament lill-Istati Membri, Direttorati Ġenerali oħra tal-Kummissjoni, u korpi oħra tal-Unjoni, huma involuti fil-ġestjoni tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'tali mod li, l-għajnuna tal-Unjoni għall-pajjiżi tal-viċinat hija pprovduta mid-DĠ Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; l-għajnuna umanitarja hija pprovduta mid-DĠ għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO); u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jamministra l-Istrument li Jikkontribwixxi għall-Istabilità u l-Paċi; ifakkar li, peress li ż-żewġ fondi ġestiti mid-DĠ għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni (HOME), jiġifieri l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), jipprevedu wkoll dimensjoni esterna, dan jipprovdi parti interessata ġdida fix-xena tal-finanzjament estern;

105. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika u l-EUR 1,8 biljun imwiegħda lill-Fond, li żied element addizzjonali ta' finanzjament lil pajjiżi terzi; jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jikkontribwixxu għall-Fond;

106. Jirrakkomanda li, b'konformità mal-GAMM, l-erba' pilastri tematiċi li jindirizzaw (i) il-migrazzjoni legali u l-mobilità, (ii) il-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin, (iii) il-protezzjoni internazzjonali, u (iv) l-impatt tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp, għandhom jingħataw l-istess livell ta' importanza fil-politika esterna u l-finanzjament tal-UE;

***Dwar it-trasparenza fil-finanzjament***

107. Jinnota li l-politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni tiġi implimentata permezz ta' strumenti ta' politika differenti, li kull wieħed għandu l-objettivi proprji, li mhumiex neċessarjament marbuta ma' xulxin, u li mhemmx biżżejjed koordinazzjoni tal-finanzjament bejn id-diversi partijiet involuti; jinnota li l-frammentazzjoni tal-linji baġitarji u tar-responsabilitajiet toħloq struttura ta' ġestjoni li tista' tagħmilha diffiċli li tkun ipprovduta ħarsa ġenerali komprensiva dwar kif il-fondi differenti disponibbli jiġu allokati u, fl-aħħar mill-aħħar, użati; jirrimarka, barra minn hekk, li din il-frammentazzjoni tagħmilha diffiċli li tiġi kkwantifikata n-nefqa komprensiva tal-Unjoni fuq il-politika tal-migrazzjoni;

108. Huwa tal-fehma li jeħtieġ tiġi provduta ħarsa ġenerali komprensiva tal-finanzjament tal-Unjoni relatat mal-migrazzjoni, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-Unjoni, peress li n-nuqqas ta' ħarsa ġenerali ta' dan it-tip hi ostaklu ċar għat-trasparenza u t-tfassil tajjeb tal-politiki; jinnota, f'dan ir-rigward, li possibilità tista' tkun sit tal-internet li jinkludi bażi ta' data tal-proġetti kollha relatati mal-politika tal-migrazzjoni finanzjati mill-Unjoni; jenfasizza li l-ħtieġa għat-trasparenza testendi wkoll għal-linji baġitarji, sabiex jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-objettivi kollha tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni;

109. Ifakkar li l-impatt pożittiv tal-fondi ta' migrazzjoni tal-UE jiddependi fuq proċessi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-monitoraġġ effettiv u r-responsabilità, jemmen li għandu jitqies kif il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jistgħu ikunu magħmula proċessi kontinwi u mhux biss proċessi ex-post, u li r-rwol tal-Qorti tal-Awdituri għandu jissaħħaħ f'dak ir-rigward; jinnota li indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi komparabbli għandhom jiġu stabbiliti sabiex ikejlu l-impatt tal-fondi tal-UE u jgħinu biex jiġi vvalutat jekk dawk il-fondi jkunux laħqu l-objettivi tagħhom;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

***Dwar finanzjament addizzjonali għall-migrazzjoni***

110. Jilqa' favorevolment il-finanzjament addizzjonali disponibbli fil-baġit tal-Unjoni għall-2016 biex jibda l-indirizzar tal-fenomeni migratorji attwali; jirrimarka li l-biċċa l-kbira ta' dak il-finanzjament ġdid jirrappreżenta finanzjament taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020, li tressaq 'il quddiem, bir-riżultat li l-Unjoni qed tonfoq illum dak li kien intenzjonat biex jintefaq għada;

111. Jaqbel li, filwaqt li l-proposti baġitarji reċenti u l-finanzjament addizzjonali previst fil-baġit tal-Unjoni għall-2016, inkluż l-użu tal-istrument ta' flessibilità, għandhom jintlaqgħu b'sodisfazzjon, il-finanzjament fit-terminu medju u aktar fit-tul għadhom kawża ta' tħassib; jinsab imħasseb dwar il-fatt li ż-żieda fl-ammonti proposti għal-linji baġitarji taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-2016 ma kenitx akkumpanjata minn reviżjoni proposta tar-riżorsi globali disponibbli taħt dan il-fond għall-perjodu ta' finanzjament 2014-2020; jifhem li, imħolli kif inhu, ir-riżultat se jkun li l-finanzjament taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni se jkun ġie eżawrit ferm qabel l-2020;

112. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibilitajiet li joffru fondi li ma jkunux direttament relatati mal-politika tal-migrazzjoni, li madankollu jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw azzjonijiet f'dan il-qasam (pereżempju azzjonijiet għall-integrazzjoni), bħal dawk disponibbli taħt il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, l-Orizzont 2020, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza;

113. Jirrakkomanda li, taħt ir-rieżami tal-QFP skedat għall-aħħar tal-2016, jiġu allokati riżorsi addizzjonali sostanzjali taħt l-Intestatura 3 (Ċittadinanza, Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) tal-baġit tal-Unjoni, b'tali mod li finanzjament adegwat ikun disponibbli fuq il-bażi tax-xejriet migratorji u l-ħtiġijiet finanzjarji relatati għall-politiki dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

***Dwar l-involviment tas-soċjetà ċivili***

114. Jindika li l-iżgurar ta' finanzjament operazzjonali hu sfida ewlenija għall-NGOs, peress li l-parti l-kbira tal-finanzjament hija marbuta ma' proġetti; jafferma li l-inizjattivi tal-voluntiera u tas-soċjetà ċivili dedikati għall-għoti ta' assistenza lill-migranti għandhom jiġu promossi, u fejn ikun xieraq, finanzjati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jfittxu, fejn xieraq u possibbli, li jiffinanzjaw proġetti ġestiti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-integrazzjoni u l-asil;

115. Itenni li l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-programmi nazzjonali jeħtieġ jiġi żgurat, b'konformità mal-prinċipju tas-sħubija kif stipulat fil-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; jipproponi li fil-livell tal-Unjoni titqies konsultazzjoni regolari bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, l-asil u l-integrazzjoni;

***Dwar ix-xejriet demografiċi***

116. Jinnota li, qabel iż-żieda fil-flussi migratorji lejn l-Unjoni fl-2015, skont studju tal-OECD u tal-Kummissjoni tal-2014, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (15-64) fl-UE se tonqos b'7,5 miljuni bejn l-2013 u l-2020, u li jekk il-migrazzjoni netta kellha tiġi eskluża mit-tbassir tagħhom, dan it-tnaqqis ikun saħansitra akbar, għaliex kieku jammonta għal tnaqqis ta' 11,7 miljuni tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol;

117. Jirrimarka, madankollu, li, sa minn Novembru 2015, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Istati Membri kollha kienet ta' 20 %;

118. Jinnota wkoll li, skont l-aħħar previżjonijiet tal-Eurostat, il-proporzjon ta' nies li għandhom 65 sena jew iktar, meta jitqabbel ma' dawk li għandhom bejn 15 u 64 sena, se jiżdied minn 27,5 % fil-bidu tal-2013 għal kważi 50 % sal-2050; jinnota li dan ifisser bidla mill-proporzjon attwali ta' erba' persuni fl-età tax-xogħol għal kull persuna ta' 65 sena jew aktar għal proporzjon ta' żewġ persuni biss fl-età tax-xogħol għal kull persuna ta' 65 sena jew aktar;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

*Dwar il-migrazzjoni legali għax-xogħol*

119. Jiddikjara li l-bażi legali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni legali fil-livell tal-Unjoni hi stabbilita fl-Artikolu 79 tat-TFUE;

120. Jifhem li l-Artikolu 79(5) speċifikament jirriżerva d-dritt lill-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg;

121. Jindika li l-istrateġija Ewropa 2020 identifikat il-ħtieġa għal politika komprensiva tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, u għal integrazzjoni aħjar tal-migranti, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

122. Jinnota li l-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-UE li jirregola l-aċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu fl-Unjoni hu pjuttost frammentat, peress li jiffoka fuq kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema aktar milli fuq ir-regolamentazzjoni, b'mod ġenerali, tal-ħaddiema migranti kollha;

123. Huwa tal-fehma li, fuq medda ta' żmien twila, l-Unjoni jeħtieġ li tistabbilixxi aktar regoli ġenerali li jirregolaw id-dħul u r-residenza għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu impjieg fl-Unjoni biex jimlew il-lakuni identifikati fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni;

*Dwar il-ħtieġa ta' data aħjar*

124. Jitlob li jkun hemm viżjoni komprensiva tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni bħala prekundizzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol; jindika li huwa neċessarju li jiġu żviluppati għodod għall-identifikazzjoni u t-tbassir tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol preżenti u ġejjiena fl-Unjoni b'mod aħjar; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-għodod eżistenti – bħal dawk żviluppati miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) jew l-OECD – jistgħu jittejbu, u saħansitra jingħaqdu, ma' statistiki internazzjonali dwar il-provvista potenzjali ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi sabiex jipprovdu stampa aktar preċiża tas-sitwazzjoni;

125. Jemmen li data aqwa u għodod imtejba biex janalizzaw tali data jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika jistabbilixxu l-politiki tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-ġejjieni, u li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-lakuni fis-swieq tax-xogħol tagħhom li jistgħu jgħinuhom jimlew impjiegi li altrimenti jibqgħu battala;

*Dwar l-isfruttament tal-ħaddiema*

126. Jinnota li l-isfruttament tal-ħaddiema jista' jseħħ bħala konsegwenza tat-traffikar, tal-kuntrabandu, jew anke fl-assenza tagħhom, bir-riżultat li teżisti impunità għal dawk li jisfruttaw il-migranti irregolari f'dawk l-Istati Membri fejn l-isfruttament per se mhux kriminalizzat;

127. Jiddeplora l-fatt li għal min iħaddem, ir-riskju żgħir li jinqabad u/jew jiġi mħarrek bħala impjegatur li jisfrutta x-xogħol ta' migranti irregolari ġie identifikat bħala fattur importanti fl-isfruttament tal-ħaddiema, b'mod partikolari fis-setturi li huma l-aktar esposti għar-riskju (l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-lukandi u r-ristoranti, il-ħaddiema domestiċi u s-servizzi tal-kura); jirrakkomanda li biex tiġi indirizzata l-impunità jeħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi żgurat li l-każijiet kollha ta' sfruttament gravi tal-ħaddiema jkunu kriminalizzati u sanzjonati adegwatament skont id-dritt nazzjonali u, it-tieni nett, li jiżdiedu l-ispezzjonijiet tal-ħaddiema fis-setturi f'riskju;

128. Jieħu nota tal-fatt li, fil-preżent, ħafna Stati Membri jikkriminalizzaw l-isfruttament tal-ħaddiema biss meta dan iseħħ bħala forma ta' traffikar, li jħalli lakuna kbira fil-każijiet kollha fejn dawk li sfruttaw il-ħaddiema ma kinux involuti fit-traffikar, jew fejn l-involviment tagħhom ma jistax jiġi ppruvat;

**It-Tlieta 12 ta' April 2016**

129. Itenni li l-proċeduri speċjali biex jiżguraw il-faċilitazzjoni tal-ilmenti previsti mid-Direttiva 2009/52/KE li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali (id-"Direttiva dwar Sanzjonijiet Kontra Min Iħaddem") għandhom ikunu implimentati għalkollox u applikati b'mod korrett fil-prattika; jemmen li hi meħtieġa aktar protezzjoni għal dawk il-vittmi tat-traffikar, u dawk kuntrabandati fl-Unjoni, li jikkooperaw u jiffaċilitaw il-prosekuzzjoni tat-traffikanti u/jew kuntrabandisti kriminali; jissuġġerixxi li, barra minn hekk, għandu jingħata appoġġ lit-twaqqif ta' Koalizzjoni Ewropea tan-Negozju kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (kif issuġġerit fl-Istrateġija kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-2014) bl-għan li jiġu żviluppati katini tal-provvista li ma jinvolvux it-traffikar tal-bnedmin;

130. Jemmen li, fl-aħħar mill-aħħar, kull sforz biex jinqered l-isfruttament tal-ħaddiema jeħtieġ jieħu l-approċċ duwali li jinvolvi l-prosekuzzjoni effettiva ta' dawk li jħaddmu li jkunu abbużivi u l-ħarsien tal-vittmi ta' tali sfruttament;

***Dwar ir-reviżjoni tal-Karta Blu***

131. Ifakkar li skont l-Aġenda dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirrevedi d-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (id-"Direttiva dwar il-Karta Blu"), b'attenzjoni partikolari fuq il-kwistjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni (li possibilment ikopri l-intraprendituri li huma lesti jinvestu fl-Ewropa) u t-titjib tar-regoli dwar il-mobilità fi ħdan l-UE;

132. Itenni li r-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar il-Karta Blu attwali jissottolinja n-nuqqasijiet tagħha, fosthom il-livell limitat ħafna ta' armonizzazzjoni kkawżat mid-diskrezzjoni wiesgħa fl-implimentazzjoni li tagħti lill-Istati Membri, b'mod partikolari d-dritt tal-Istati Membri li jżommu skemi nazzjonali paralleli;

133. Jemmen, barra minn hekk, li jidher ċar li d-direttiva għandha tiffoka mhux biss fuq persuni bi kwalifiki għoljin, iżda wkoll fuq impjiegi mmirati li jirrikjedu kwalifiki għoljin fejn jeżisti nuqqas ta' ħaddiema ppruvat; jemmen, barra minn hekk, li r-reviżjoni tal-Karta Blu għandha tkun ambizzjuża u mmirata, u għandha tfittex li tneħħi l-inkonsistenzi tad-direttiva eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' skemi nazzjonali paralleli; jirrakkomanda li għandu jiġi kkunsidrat li ssir reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-lakuni identifikati fis-swieq tax-xogħol tal-UE;

o

o o

134. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), lill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex), lill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), lill-Aġenzija tal-UE għal Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira (eu-LISA), lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.